MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2931/2002/1

**Claudia Grixti**

**vs**

**Geralda Fenech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“L-ammont mitlub jirraprezenta danni subiti mill-attrici wara l-incident stradali li sehh fil-post u data indikati bejn vettura KAF 092 misjuqa mill-attrici u vettura NOR 249 misjuqa mill-konvenuta, ghal liema incident tahti unikament il-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-2 ta’ Ottubru 2002 (Dok. A) u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment fil-konfront ta’ assikurazzjoni tal-konvenuta.”

Ra r-risposta tal-konvenuta:

“Illi qabel xejn il-konvenuta qeghda teccepixxi in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-tribunal sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, u dan minhabba illi hija tgawdi il-*privilegium fori* rigward il-Qrati u tribunali fil-Gzira ta’ Malta ghaliex hija residenti Ghawdex, u dan ai termini tal-artikolu 741 (c) u 767 ta-Kap. 12.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-attrici, u dan peress illi hija naqset li tieqaf fuq stop sign, u minflok baqghet hierga sparata minn fuq l-istop sign, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

L-incident sehh kif  gej:

L-attrici dahlet gewwa Triq Mountbatten minn Triq Dun Gorg Preca, il-Hamrun minn fuq in-naha tal-lemin ta’ traffic island triangulari li fit-tarf taghha qabel wiehed jidhol fi Triq Mountbatten hemm is-sinjal tal-*give-way.* Mal-bankina ta’ fuq in-naha tal-lemin tal-istess triq u cioe’ minn fejn dahlet l-attrici hemm double yellow line li jimpedixxi l-waqfien tal-vetturi (no stopping).  U cioe’ l-attrici kienet impeduta milli tieqaf f’dik il-parti ta’ fejn kien hemm is-sinjali tal-give-way.  Mal-bankina tan-naha tax-xellug tat-triq hemm linja safra li timpedixxi l-istennija tal-vetturi (no waiting).  Fuq din in-naha kien hemm il-konvenuta li kienet qieghdha tirriversja sabiex tipparkja fuq il-bankina tan-naha tax-xellug (ara l-iskizz a fol 48).  Iz-zewg vetturi habtu kemm kemm fil-kantunieri ta’ quddiem taghhom; il-kantuniera tal-lemin tal-vettura tal-konvenuta habtet mal-kanuntiera tax-xellug tal-vettura tal-attrici, kif indikat tajjeb fl-iskizz.  Brake-marks ma kienx hemm.  Mill-give-way sign sal-point of impact hemm distanza ta’ ftit metri.

*A tempo vergine* l-attrici qalet lis-surgent li hekk kif daret id-dawra tal-kantuniera, hija naqqset l-ispeed u meta rat li min-naha tax-xellug taghha ma kinux gejjin karozzi kompliet issuq sakemm sehhet il-habta. Hija biddlet din il-verzjoni waqt id-deposizzjoni taghha (fol 53) u qalet li waqfet biex tara kinux gejjin karozzi min-naha ta' fuq. Cahdet li lis-surgent kienet qaltlu li naqqset l-ispeed. Qalet, kemm lis-surgent kif ukoll lit-Tribunal, li rat lill-konvenuta tirriversja: *rajt lilha gejja bir-reverse u waqaft u baqghet gejja ghal go fija.(fol 54).*

L-attrici ma qalitx minn kemm boghod rat lill-konvenut tirriversja. Izda fil-fehma tat-Tribunal ma setghetx kienet boghod b'mod li setghet evitat il-habta. Dan ghax il-konvenuta kienet ghadha fil-bidu tal-manuvra taghha: *kont ghadni kemm bdejt nirriversja lanqas kont hrigt fit-triq (sic)*(fol 60). L-ispeed tal-attrici bilfors kien ikbar minn dak tal-konvenuta u ghalhekk huwa naturali li fil-ftit sekondi li ghaddew hekk kif il-konvenuta bdiet tirriversja, l-attrici lahqet waslet magembha jew kwazi. Jirrizulta wkoll li l-attrici rreagixxiet fil-pront tant li minghajr ma halliet brake-marks waqfet ras-imbras mal-konvenuta. Dan juri wkoll li kienet qieghda ssuq bil-galbu, u ma jistax ikun dak li qal missier il-konvenuta li din kienet gejja b'velocita' qawwija. Huwa qal li l-attrici ma waqfitx fuq il-give-way sign. Jekk inhuwa hekk – u hekk qalet l-attrici *a tempo vergine* - din hija manuvra li l-attrici kienet perfettament intitolata illi taghmel.

Min-naha l-ohra, il-konvenuta kienet qieghdha taghmel manuvra ferm perikoluza u cioe' tirriversja l-vettura taghha vicin ta' kantuniera imnejn jidhlu fit-triq vetturi kemm min-naha tal-lemin kif ukoll min-naha tax-xellug tat-triq, u fejn kien hemm is-sinjal isfar singlu fuq in-naha taghha u s-sinjal isfar doppju fuq in-naha l-ohra tat-triq li kif gia nghad addirittura jimpedixxi lill-vetturi bhal dik tal-attrici li jieqfu hemmhekk. Anke missier il-konvenuta ammetta li l-post huwa perikoluz: *hemmhekk ftit perikoluz nghidu ahna* (fol 64). Il-konvenuta ma jidher li ghamlet l-ebda sinjal lit-traffiku l-iehor li kienet sejra tirriversja. Hija kellha lil missierha jassistiha fil-manuvra taghha, imma jidher li l-

konvenuta hija u taghmel il-manuvra ta’ riversjar ma kkontrollatx jekk kienx gej traffiku warajha, tant li waqfet sempliciment ghax missierha ra lill-attrici gejja u wissa lil bintu biex tieqaf, kif fil-fatt ghamlet.

L-attrici kienet perfettament intitolata tibqa’ miexja u tipprova tissorpassa l-vettura tal-konvenuta, li inizjalment kienet wieqfa u ma tat l-ebda hjiel li kienet sejra ssuq b’lura: *a driver was entitled to assume that he could overtake without danger if what he was overtaking gave not the slightest sign that it was going to do something other than what another ordinary careful motorist or motor cyclist might expect* – ***Clark v Wakelin (1965 – 109 Sol jo 295 – Roskill J.*** riportata mill-Bingham & Berryman - Motor Claims Cases pagni 351 u 352, Butterworths, 2000.

Fl-ahharnett tajjeb jigi osservat li l-Codice della Strada Taljan jaghraf il-periklu kbir ta’ mossa bhalma ghamlet il-konvenuta, billi jipprojbixxi li wiehed isuq kontra l-linja vicin ta’ liwja jew kantuniera: *L’inversione del senso di Marcia e’ vietata in prossimita’ o in corrispondenza delle intersezioni, delle curve o dei dossi (Trattato di Infortunistica Stradale - Giuseppe Cassano u Gino Nisini, 2003).*

Ghalhekk il-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra perikoluza tal-konvenuta li f’junction traffikuza fejn mhux konsentit ghat-traffiku li jieqaf ; u fejn l-attenzjoni tas-sewwieq bhalma kienet l-attrici tkun ridotta ghax irid joqghod attent biex jaghti d-dritta ghal min ikun gej mix-xellug tieghu, ghazlet li ssuq lura u ddawwar.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jsib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident u konsegwentement jichad l-eccezzjonijiet taghha; jilqa’ t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ LM166 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 t’Ottubru 2002 kif ukoll tal-ittra ufficcjali ipprezenta kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------